**31 ta' Jannar, 1959**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Paolo Calleja**

**Halib — Mard tal-Annimali — Prova — Xhieda — "Milk Marketing Undertaking" — Ittri Rogatorjali — Reċidiva — Art. 181 tal-Kap. 54 — Art. 388(1) (b) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk f'appell li jaghmel minn sentenza tal-Maġistrat l-imputat jallega li ma ghandux, ghall-finijiet tal-appell, jittiehed każ tad-depożizzjoni ta' persuna li xehdet quddiem il-Maġistrat u li d-depożizzjoni taghha ġiet traskritta, billi x-xhud ghandu jinstama' "viva voce", u x-xhud jinsab imsiefer, dik l-allegazzjoni ma hix attendibbli; ghax it-traskrizzjoni hi appuntu tad-depożizzjoni moghtija "viva voce" quddiem il-Maġistrat.*

*Jekk mbghad l-imputat, b'dik l-allegazzjoni tieghu, ikun qieghed jalludi ghaċ-ċirkustanza li x-xhud jinsab imsiefer, u ghalhekk ma jistax jerġa jinstama', u per konsegwenza l-Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni tat-traskrizzjoni tax-xhieda*

*tieghu, lanqas din l-obbjezzjoni, hekk formulata, ma ghandha konsistenza, ladarba l-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni quddiem il-Magistrat tkun infurmat lid-difiża lealment li x-xhud kien ser isiefer, u ghalhekk inkitbet id-depożizzjoni tieghu; ghax id-difiża setghet allura taghmel il-kontroeżami li dehrilha. U anki fl-appell, id-difiża tista' titlob li dak ix-xhud jinstema' bl-ittri rogatorjali, jekk jidher mehtieġ, u salva l-konsiderazzjoni tat-talba tad-difiża mill-Qorti.*

*Jekk l-akkuża hi li l-imputat biegh lill-"Milk Marketing Undertaking" halib li kien imhaffef bl-ilma, mhux fondat il-mezz defensjonali konsistenti filli l-baqra li minnha ġie dak il-halib kienet marida, jekk fl-appell li jikkonċedi d-Dipartiment ma johroġx l-istess riżultat; ghax jekk kien hemm l-istess kawża, i.e. il-marda tal-baqra, ovvjament ghandu jkun hemm l-istess riżultat.*

*Lanqas tiswa l-allegazzjoni tal-imputat fis-sens li l-baqar kien jiehu hsiebhom hadd iehor, jekk hu kien il-fornitur reġistrat mad-dipartiment, u ghalhekk ir-responsabbiltà hija tieghu.*

*Lanqas tiftihem l-osservazzjoni tad-difiża, meta tiġi allegata kontra l-imputat ir-reċidiva, fis-sens illi d-dokumenti konstatanti r-reċidiva ġew imqeghda quddiem il-Maġistrat bla ma d-difiża kellha l-opportunità li tikkontrollahom, jekk mill-inkartament jidher illi dawk id-dokumenti ġew regolarment eżibiti "seduta stante", u d-difiża ma kienet bl-ebda mod prekluża milli tikkontrollahom, u setghet, jekk kien il-każ, titlob ir-rinviju tal-kawża in konnessjoni maghhom, u din it-talba ma saretx.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli fl-10 ta' Lulju 1958, fil-limiti ta' Tarxien, Zabbar Depot, Milk Marketing Undertaking, żamm ghallbejgh u biegh halib imhaffef bl-ilma; u billi huwa kien misjub hati drabi ohra tal-istess reat, il-Prosekuzzjoni talbet biex tinghata l-piena ndikata ghall-kaur tad-dispo-

żizzjoni tal-art. 181 Kap. 54, kif ġie mibdul bl-Att numru XXVIII tal-1949;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Novembru 1958, li biha sabitu ħati, u, stante li din kienet it-tielet kundanna, ikkundannatu għal £50 multa u għaxar tijiem priġunerija, b'dan li l-multa tista' titħallas bil-£5 fix-xahar;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-appellant irrileva in linea ta' preġudizzjali, li għall-finijiet ta' dan l-appell ma għandhiex titqies ix-xhieda tal-analista Portelli traskritta fol. 20 tal-proċess, għaliex ix-xhud għandu jinstama' "viva voce";

Fuq dan ir-riljev, din il-Qorti tosserva li x-xhud Portelli fil-fatt instemgħa "viva voce" mill-Maġistrat fl-ewwel istanza, u t-traskrizzjoni fol. 20 hi appuntu tax-xhieda tiegħu mogħtija "viva voce"; kożikkè l-obbjezzjoni tad-difiża ma tantx tiftihem;

Jekk, mbgħad, id-difiża qegħedha talludi għaċ-ċirkustanza li, stante l-fatt li dak ix-xhud jinstab assenti minn Malta fil-preżent, minħabba li qiegħed isegwi kors ta' perfezzjonament barra, għalhekk ma jistgħax jerġa jinstama', u li per konsegwenza din il-Qorti ma għandhiex tieħu fil-konsiderazzjoni tagħha t-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu fol. 20, allura, lanqas hekk formulata, ma għandha konsistenza l-obbjezzjoni tad-difiża. Infatti, hu ammess mid-difiża (ara verbal fol. 31) li fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża in prima istanza l-Prosekuzzjoni nformat lid-difiża legalment illi dan ix-xhud kien sejjer isiefer, u għalhekk inkitbet ix-xhieda tiegħu — proċedura li ssib il-ġustifikazzjoni tagħha fid-dispost tal-art. 388(1) (b) Kap. 12. Id-difiża setgħet allura tagħmel il-kontro-eżami li dehrilha. Del resto, anki issa, fl-appell, id-difiża tista' titlob li dak

ix-xhud jiġi mismugħ permezz tar-rogatorji, jekk jidhrilha meħtieġ, u *salva l-konsiderazzjoni tat-talba mill-Qorti.* Iżda d-difensur iddikjara li ma hux bi ħsiebu jagħmel din it-talba. Għalhekk hu in perfetta regola li din il-Qorti tqies dik il-prova, kif traskritta, fost l-inkombenti l-oħra ta' prova li hemm fil-proċess;

Fil-meritu;

Il-mezz defensjonali hu fis-sens li waħda mil-baqar kienet marida, u b'hekk ġara li fil-ħalib kien hemm l-ilma;

Dan il-mezz ta' difiża hu, però, infondat. Kieku l-ilma żejjed kien verament konsegwenza tal-marda tal-baqra, allura r-riżultat tal-"appeal", li kkonċeda d-Dipartiment, ma kienx ikun dak li kien; għaliex, jekk kien hemm l-istess kawża, kien ikun hemm ovvjament l-istess effett;

Mbgħad, mix-xhieda tal-istess xhud in difiża, ċjoè tal-veterinarju Dottor Restall, jidher ċar li, anki fl-agħar ipotesi, ma kienx ikun hemm qatt dik il-perċentwali ta' ilma miżjud minħabba l-marda tal-baqra. Din il-marda tipproduċi sintomi oħra, ċjoè dawk deskritti minn dan il-veterinarju, li huma konstatabbli "hic et nunc", mentri ntqal li l-imputat ma ndunax;

Ma hux anqas ta' valur għad-difiża li, mentri l-imputat jieħu ħsieb tal-mogħoż, ibnu jieħu ħsieb tal-baqar; għaliex l-imputat hu l-individwu miktub bħala fornitur fid-Dipartiment, u għalhekk ir-responsabbiltà hi tiegħu;

Lanqas tant tiftiehem l-osservazzjoni tad-difiża li d-dokumenti konstatanti r-reċidiva ġew imqegħda quddiem il-Maġistrat bla ma d-difiża kellha l-opportunità li tikkontrollahom. Kif jidher mill-inkartament, dawk id-dokumenti ġew regolarment eżibiti "seduta stante", u ċertament ma kienx bl-ebda mod prekluż lid-difiża li tikkontrollahom, u, jekk kien il-każ, li titlob ir-rinvju tal-kawża in konnessjoni magħhom — ħaġa li ma saretx. Lanqas kien ikun prekluż għad-difiża li tagħmel xi osservazzjoni dwarhom *f'din is-sedi — dak li lanqas għamlet;*

**Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Kwantu għall-piena pekunjarja, l-ewwel rata, kif stabbilita mill-Ewwel Qorti, titħallas żmien xahar mil-lum.**